


GWIDA TA' PRATTIKA

# GĦALL-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT DWAR L-ORDNI TA' ĦLAS EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**
Ġustizzja

Netwerk Ġudizzjarju Ewropew
fil-qasam ċivili u kummerċjali

# Werrej


**I. Daħla: Il-Proċedura Ċivili Ewropea . . . . 4**

**II. Ambitu tal-Applikazzjoni tal-Proċedura l-Ġdida . . . . 8**

1. **Ambitu territorjali tal-applikazzjoni . . . . 9**
2. **Ambitu materjali tal-applikazzjoni . . . . 9**
   - 2.1. Materji ċivili u kummerċjali . . . . 10
   - 2.2. Każ transkonfinali . . . . 11
3. **L-applikazzjoni fiż-żmien . . . . 12**
4. **Ġurisdizzjoni . . . . 12**

**III. Il-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea . . . . 14**

1. **L-Applikazzjoni għal Ordni ta' Ħlas Ewropea . . . . 15**
   - 1.1. L-ammont mitlub u l-imgħax . . . . 15
   - 1.2. Il-kawża tal-azzjoni u d-deskrizzjoni tal-evidenza . . . . 16
   - 1.3. Il-qrati kompetenti . . . . 17
   - 1.4. Kif tiġi sottomessa l-applikazzjoni . . . . 17
2. **Tmexxija tal-Proċedura quddiem il-qorti . . . . 18**
   - 2.1. Modifika jew rettifika . . . . 18
   - 2.2. Rifjut tal-applikazzjoni . . . . 18
3. **il-ħruġ u n-notifika tal-ordni ta' ħlas ewropea . . . . 19**
   - 3.1. Kif timla l-Formola E . . . . 19
   - 3.2. Ħruġ ta' ordni ta' ħlas Ewropea – il-limiti taż-żmien . . . . 19
   - 3.3. Notifika fuq il-konvenut (il-Kummissjoni) . . . . 20
4. **Oppożizzjoni: id-drittijiet/l-għażliet tal-konvenuti . . . . 22**
   - 4.1. Oppożizzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea . . . . 22
   - 4.2. Esegwibilità . . . . 22

5. **Rimedji/difiżi possibbli għall-partijiet** . . . 23
5.1. X'jista' jagħmel ir-rikorrent jekk l-applikazzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea mhijiex kompluta, fiha żball, teħtieġ modifika jew tiġi rifjutata? . . . 23
5.2. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru tal-oriġini meta tinħareġ l-ordni ta' ħlas Ewropea? . . . 24
**IV. Rikonoxximent u Infurzar tal-Ordnijiet ta' Ħlas Ewropej fi Stati Membri oħra** . . . **26**
1. **Prinċipji ġenerali** . . . 27
2. **Sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-infurzar** . . . 27
3. **Traduzzjoni** . . . 28
4. **Rifjut ta' infurzar f'ċirkostanzi eċċezzjonali** . . . 28
4.1. Rifjut tal-infurzar (l-Artikolu 22) . . . 28
4.2. Sospensjoni jew limitazzjoni tal-infurzar (l-Artikolu 23) . . . 29



# I. Daħla: Il-Proċedura Ċivili Ewropea





Ir-Regolament 1896/2006 ħoloq l-ewwel proċedura ċivili Ewropea ġenwina – il-proċedura għall-Ordni ta' Ħlas Ewropea (EOP). Qablu kien hemm ir-Regolament dwar l-Ordni Ewropew ta' Infurzar (EEO), li l-kisba ewlenija tiegħu kienet l-abolizzjoni tal-*exequatur* fl-infurzar tas-sentenzi maħruġa fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea f'ċertu kategoriji ta' każijiet ċivili, soġġett għall-osservanza ta' ċerti garanziji proċedurali, li għandhom jiġu kkonfermati mill-awtorità xierqa b'ċertifikat preskritt. Madankollu, l-EEO huwa ċertifikat li jirrelata ma' sentenza (jew att awtentiku jew riżoluzzjoni ġudizzjarja) maħruġ bi proċedura nazzjonali, filwaqt li l-EOP tista' tinħareġ biss bi proċedura unika komuni għas-26 Stat Membru. Il-liġi nazzjonali hija applikabbli, fuq bażi sussidjarja, għall-kwistjonijiet li mhumiex regolati bir-Regolament tal-EOP. Ftit wara r-Regolament tal-EOP, ġie adottat Regolament ieħor li joħloq proċedura ċivili Ewropea, jiġifieri r-Regolament li jistabbilixxi proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar. Dawn it-tliet Regolamenti jpoġġu fil-prattika l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi f'materji ċivili. L-għan ewlieni tagħhom huwa li jissimplifikaw u jgħaġġlu r-rikonoxximent transkonfinali u l-infurzar tad-drittijiet tal-kredituri fl-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward huma jikkontribwixxu kemm biex jinħoloq qasam ġenwin tal-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll fl-implimentazzjoni tas-Suq Uniku.





Kull waħda mill-proċeduri għandha ambitu ta' applikazzjoni differenti — mhux kollha jistgħu jintużaw f'kull każ ċivili transkonfinali.

Jekk il-każ ikun diġà ġie deċiż minn qorti kompetenti, jew it-talba tirriżulta minn att awtentiku jew riżoluzzjoni ġudizzjarja, u jeħtieġ li jiġi infurzat barra mill-pajjiż, tista' tiġi sottomessa talba għal Ordni Ewropea ta' Infurzar lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini tas-sentenza, l-att awtentiku jew riżoluzzjoni ġudizzjarja tal-qorti, jekk tikkonċerna talba mhux kontestata[1]. Din hija l-unika proċedura Ewropea (mit-tlieta msemmija) maħsuba għall-infurzar ta' sentenza eżistenti jew riżoluzzjoni ġudizzjarja. Huwa possibbli li r-rikorrent juża strument awtentiku bħala l-bażi tal-evidenza li għandha tiġi pprovduta għal EOP jew talba skont l-ESCP.

It-talba transkonfinali għandha tiġi sottomessa lil qorti li hija kompetenti abbażi tal-liġi Ewropea u/jew nazzjonali[2]. Din it-talba tista' tiġi segwita skont il-proċedura nazzjonali applikabbli taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti, jew skont waħda mill-proċeduri Ewropej, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet rilevanti.

1 Ara l-Gwida tal-Prattiċi għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Ordni Ewropew ta' Infurzar: http://ec.europa.eu/civiljustice/publications/docs/guide_european_enforcement_order_mt.pdf.

2 Ara r-Regolament tal-Kunsill Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ('Brussell I'), ĠU L 12, 16.1.2001, p. 1.

Jekk it-talba (mingħajr l-ispejjeż u l-imgħax) ma taqbiżx l-€2,000, jistgħu jiġu kkunsidrati kemm l-EOP kif ukoll l-ESCP. Madankollu, jekk huwa probabbli li l-konvenut se jikkontesta t-talba, huwa rakkomandat li tintuża l-ESCP, għaliex l-EOP tista' tiġi rrifjutata permezz ta' oppożizzjoni sempliċi mill-konvenut. Ir-Regolament dwar l-EOP, madankollu, ma jwaqqafx lill-rikorrent milli jagħżel il-proċedura tal-EOP f'din is-sitwazzjoni.

Jekk it-talba (mingħajr l-ispejjeż u l-imgħax) taqbeż l-€2,000, jista' jintuża biss ir-Regolament dwar l-EOP jekk il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu jiġu ssodisfati.

L-EOP tista' tintuża biss għal talbiet ta' flus ta' ammonti speċifiċi li jridu jitħallsu meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni. L-ESCP tkopri wkoll tipi oħra ta' talbiet.

L-EOP ma tipprovdix għal smigħ tal-qorti — il-proċedura hija purament bil-miktub, minbarra jekk l-EOP tiġi kkontestata jew opposta; f'dan il-każ jista' jkun hemm smigħ tal-qorti skont il-proċeduri nazzjonali. L-ESCP, li normalment hija proċedura bil-miktub, madankollu tippermetti li jsir smigħ jekk meħtieġ.

Il-proċedura tal-EOP mhijiex obbligatorja, sal-punt li hija l-għażla tar-rikorrent jekk jużax lilha u mhux kwalunkwe waħda mill-mezzi l-oħra disponibbli li bihom tista' ssir l-istess talba. Id-deċiżjoni li tiġi rifjutata l-applikazzjoni ma tipprevenix lir-rikorrent milli jerġa' jsegwi t-talba fi kwalunkwe proċediment xieraq, inkluż l-EOP kif ukoll quddiem l-istess qorti li rrifjutat l-applikazzjoni.








# II. Ambitu tal-Applikazzjoni tal-Proċedura l-Ġdida





## 1. Ambitu territorjali tal-applikazzjoni

Ir-regolament dwar l-EOP japplika fl-Istati Membri kollha minbarra fid-Danimarka. Dan ifisser li ħadd ma jista’ japplika f’Qorti Daniża għall-EOP, u li l-EOP ma tistax tkun infurzata fid-Danimarka.

## 2. Ambitu materjali tal-applikazzjoni

Il-proċedura tal-EOP tapplika f’materji ċivili u kummerċjali f’każijiet transkonfinali, irrispettivament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. Il-każijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti tar-Regolament jistgħu jiġu kkunsidrati mill-qrati maħtura bħala kompetenti fl-Istat Membru rilevanti.

Ir-Regolament innifsu ma jiddefinixxix in-natura ta’ materja ċivili u/jew kummerċjali. Madankollu, b’mod speċifiku jeskludi mill-ambitu tal-applikazzjoni tiegħu dawn il-kategoriji tal-każijiet li ġejjin: id-dħul, il-materji doganali u amministrattivi kif ukoll ir-responsabbiltà tal-Istat għall-atti u l-ommissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità tal-Istat. Għalhekk, f’dawn il-każijiet il-qorti mhijiex obbligata li tikkunsidra jekk il-każ huwiex ta’ natura ċivili jew kummerċjali.

## 2.1. Materji ċivili u kummerċjali

Il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja b'mod konsistenti dejjem stqarret li t-terminu "materji ċivili u kummerċjali" għandu jingħata tifsira awtonoma li toħroġ mill-għanijiet u mill-iskema tal-leġiżlazzjoni Komunitarja kkonċernata u mill-prinċipji ġenerali sottostanti s-sistemi legali nazzjonali kollha (C-29/76 LTU Lufttransportunternehmen GmbH & Co KG v Eurocontrol, ECR 1976, 1541). Il-Qorti sostniet li hemm żewġ elementi rilevanti għad-deċiżjoni dwar jekk it-tilwima hijiex ta' natura ċivili u kummerċjali:

- is-suġġett tat-tilwima; u
- in-natura tar-relazzjoni bejn il-partijiet involuti.

B'mod partikolari fir-rigward tal-azzjonijiet li jinvolvu awtorità pubblika, il-Qorti speċifikat li materja ma tkunx "ċivili jew kummerċjali" meta tikkonċerna tilwima bejn l-awtorità pubblika u persuna privata meta dik tal-ewwel tkun aġixxiet fl-eżerċizzju tas-setgħa pubblika. Il-Qorti għalhekk tiddistingwi bejn acta iure imperii, li huma esklużi mill-kunċett ta' "materji ċivili jew kummerċjali", u acta iure gestionis, li huma, għall-kuntrarju, inklużi f'dan il-kunċett. Id-distinzjoni bejn acta iure imperii u acta iure gestionis mhijiex dejjem faċli li ssir fil-prattika. Il-linji gwida li ġejjin ingħataw permezz tal-ġurisprudenza tal-Qorti.

Fl-*Eurocontrol*, il-Qorti stqarret li t-talba mill-awtorità pubblika li nħolqot permezz tat-trattat internazzjonali biex tirkupra minn parti privata l-imposti għall-użu tat-tagħmir u s-servizzi tagħha fejn dan l-użu kien obbligatorju u l-imposti kienu fissi unilateralment mhix materja ċivili jew kummerċjali.

F'*Rüffer* (C-814/79 Olanda v Rüff er; ECR 1980, 3807), il-Qorti stqarret li t-talba mill-awtorità pubblika biex tfittex lis-sid ta' vapur għall-irkupru tal-ispejjeż li saru matul it-tneħħija ta' relitt wara kolliżjoni wkoll ma tikkwalifikax bħala materja ċivili jew kummerċjali.

F'*Sonntag* (Każ C-172/91, ECR 1993, I-1963), għall-kuntrarju, il-Qorti stqarret li l-azzjoni ċivili għall-kumpens fil-każ tal-korriment ta' individwu li rriżulta minn reat kriminali hija ta' natura ċivili. Madankollu, din l-azzjoni taqa' 'l barra mill-ambitu tat-terminu "materji ċivili jew kummerċjali" fejn l-awtur tal-ħsara għandu jitqies bħala awtorità pubblika li aġixxiet fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi (f'dak il-każ l-għalliem li kien qed jissorvelja l-istudenti ma kienx ikkunsidrat li jaqa' fid-definizzjoni ta' "jaġixxi fl-eżerċizzju tas-setgħa pubblika").

F'*Gemeente Steenbergen* (Każ C-271/00, (ECR 2002, I-10489), il-Qorti stqarret li l-kunċett ta' "materji ċivili" jiġbor fih l-azzjoni skont id-dritt ta' rikors fejn il-korp pubbliku jfittex mingħand persuna regolata bil-liġi privata l-irkupru ta' somom imħallsa minnu bħala

assistenza soċjali lill-konjuġi ddivorzjata u l-wild ta' dik il-persuna, sakemm il-bażi u r-regoli dettaljati relatati ma' dik l-azzjoni li tressqet huma regolati bir-regoli tal-liġi ordinarja fir-rigward tal-obbligi tal-manteniment. Fejn l-azzjoni skont id-dritt ta' rikors hija bbażata fuq dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-leġiżlatura għaddiet lill-korp pubbliku prerogattiva tagħha stess, dik l-azzjoni ma tistax titqies li tressqet f'"materji ċivili".

F'*Préservatrice foncière* (Każ C-266/01, ECR 2003, I-4867), il-Qorti stqarret li l-kunċett ta' "materji ċivili jew kummerċjali" jkopri t-talba li permezz tagħha l-Istat ifittex li jinforza kontra persuna regolata bil-liġi privata kuntratt ta' garanzija tal-liġi privata li ġie konkluż sabiex jippermetti li persuna terza tipprovdi garanzija meħtieġa u definita minn dak l-Istat, sakemm ir-relazzjoni legali bejn il-kreditur u l-garanti, skont il-kuntratt tal-garanzija, ma tinkludix l-eżerċizzju mill-Istat tas-setgħat li jmorru lil hinn minn dawk eżistenti skont ir-regoli applikabbli għar-relazzjonijiet ta' bejn l-individwi privati.

Fi *Frahuil/Assitalia*, (Każ C-265/02, ECR 2004, I-1543), il-Qorti stqarret li l-azzjoni li tressqet permezz ta' surroga legali kontra l-importatur li kellu jħallas id-dazji doganali lill-garanti li ħallas dawk id-dazji lill-awtoritajiet doganali fit-twettiq ta' kuntratt ta' garanzija li bih kien responsabbli lejn l-awtoritajiet doganali li jiggarantixxi l-ħlas tad-dazji in kwistjoni mill-aġent tal-ikkunsinnjar, li oriġinarjament kien struzzjonat mid-debitur prinċipali biex iħallas id-dejn, għandha titqies li taqa' fil-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali".

Finalment, f'*Lechouritou*, (Każ C-292/05, ECR 2007, I-1519), il-Qorti kkonfermat li r-rimedju għat-telf jew il-ħsara kkawżata fi żmien il-gwerra mit-truppi tal-gvern mhijiex koperta fil-"materji ċivili".

## 2.2. Każ transkonfinali

Ir-Regolament dwar l-EOP japplika biss f'każijiet transkonfinali. L-Artikolu 3 tar-Regolament dwar l-EOP jiddefinixxi dan il-każ bħala wieħed fejn mill-inqas waħda mill-partijiet hija domiċiljata jew abitwalment residenti fi Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru fejn ikun sar rikors għall-qorti. F'ċerti sitwazzjonijiet, din id-dispożizzjoni tagħti aċċess għall-proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea lill-applikanti li mhumiex fl-UE (jiġifieri li mhumiex domiċiljati jew abitwalment residenti fi Stat Membru) ukoll: jekk id-debitur huwa domiċiljat jew abitwalment residenti fi Stat Membru li mhuwiex dak tal-qorti kompetenti, applikant li mhuwiex fl-UE jista' wkoll iressaq applikazzjoni għall-EOP, għaliex il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 relatati mal-partijiet ikunu ġew issodisfati. Anke l-kreditur domiċiljat jew abitwalment residenti fi Stat Membru li mhuwiex dak tal-qorti kompetenti, jista' japplika għall-Ordni ta' Ħlas Ewropea kontra l-konvenut domiċiljat jew abitwalment residenti barra l-Unjoni Ewropea.





Id-domiċilju għandu jiġi stabbilit skont il-kunċett ta' domiċilju kif stabbilit bir-Regolament dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ("ir-Regolament Brussell I"). Fil-prattika, id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tal-partijiet hija stabbilita abbażi tal-informazzjoni pprovduta mir-rikorrent fil-formola A. Billi l-eżaminazzjoni inizjali tal-applikazzjoni tista' ssir permezz ta' proċedura awtomatizzata, huwa biżżejjed li jiġi vverifikat li l-indirizz indikat ta' waħda mill-partijiet huwa fi Stat Membru differenti minn dak tal-qorti li quddiemha tressqet il-materja. Madankollu, jekk il-qorti jkollha dubji rigward l-eżattezza tal-informazzjoni pprovduta, tista' tagħżel li titlob lir-rikorrent li jirrettifika jew ikompli jimla l-applikazzjoni.

Id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tal-partijiet jiġu evalwati meta tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-EOP. Skont l-Artikolu 3(3) il-mument xieraq biex jiġi stabbilit jekk hemmx każ transkonfinali għandu jkun il-ħin meta l-applikazzjoni tkun sottomessa u mhux meta jkunu seħħew l-avvenimenti li fuqhom hija bbażata t-talba.

## 3. L-applikazzjoni fiż-żmien

Ir-Regolament li joħloq l-EOP applika fl-Istati Membri kollha li huma marbuta bih sa mit-12 ta' Diċembru 2008. Filwaqt li l-proċedura nnifisha kienet disponibbli biss minn dik id-data, huwa possibbli li l-EOP tintuża fit-tilwim rilevanti kollu anke f'każijiet fejn il-kwistjonijiet li wasslu għat-tilwima seħħew qabel it-12 ta' Diċembru 2008, sakemm il-perjodu tal-limitazzjoni applikabbli għat-talba in kwistjoni ma jkunx skada, skont il-liġi tal-qorti mitluba.

## 4. Ġurisdizzjoni

Il-ġurisdizzjoni għat-talbiet li jsiru skont il-proċedura għal EOP għandha tiġi stabbilita skont ir-Regolament Brussell I, b'eċċezzjoni waħda. Meta l-każ jikkonċerna kuntratt tal-konsumatur u l-konsumatur huwa l-konvenut, il-ġurisdizzjoni għandha tkun dik tal-Istat Membru fejn il-konvenut huwa domiċiljat skont is-sens tal-Artikolu 59 tar-ir-Regolament Brussell I.





# III. Il-Proċedura għal Ordni ta' Ħlas Ewropea





# 1. L-Applikazzjoni għal Ordni ta' Ħlas Ewropea

## 1.1. L-ammont mitlub u l-imgħax

Skont l-Artikolu 7(2)(b), l-applikazzjoni għandha tinkludi l-ammont tat-talba, inkluż it-talba prinċipali u, fejn applikabbli, l-imgħax, il-penali kuntrattwali u l-ispejjeż. L-ammont tat-talba prinċipali u kwalunkwe penali kuntrattwali għandhom ikunu dawk li jridu jitħallsu fiż-żmien meta l-applikazzjoni tiġi sottomessa u għandhom jiġu speċifikati fil-Formola A f'taqsimiet 6 u 8.

Id-dettalji tar-rata tal-imgħax u tal-perjodu taż-żmien li għalih jintalab l-imgħax għandhom jingħataw f'taqsima 7 tal-Formola A. Ma hemm l-ebda rekwiżit li jitlob li għandu jitniżżel l-ammont tal-imgħax. Il-linji gwida biex timtela l-Formola A jiddikjaraw li jekk l-imgħax jintalab sad-data tad-deċiżjoni tal-qorti, l-aħħar kaxxa bid-data għandha titħalla vojta.

Fil-Formola E, l-qorti għandha tiddikjara l-ammont totali li għandu jitħallas mill-konvenut jew konvenuti fid-data tal-ordni. Ir-Regolament ma jgħid xejn dwar jekk l-imgħax jistax jintalab wara dik id-data.

L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw fejn l-imgħax statutorju jiżdied b'mod awtomatiku mal-ammont prinċipali skont il-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini. F'dan il-każ, skont l-Artikolu 7(2)(ċ), ir-rikorrent m'għandux għalfejn jiddikjara r-rata tal-imgħax u d-dati li bejniethom japplika l-imgħax.





Id-dettalji tal-ispejjeż li għandhom jitħallsu huma inklużi f'taqsima 9 tal-Formola A. Filwaqt li l-ispejjeż ewlenin previsti hawnhekk huma l-miżati tal-qorti, il-linji gwida għat-tlestija tal-Formola A jiddikjaraw li l-ispejjeż l-oħra jistgħu jinkludu l-miżati tar-rappreżentant tar-rikorrent jew l-ispejjeż ta' qabel il-litigazzjoni. Skont l-Artikolu 25, il-miżati tal-qorti jistgħu jinkludu miżati u spejjeż li għandhom jitħallsu lill-qorti, li l-ammont tagħhom huwa stabbilit skont il-liġi nazzjonali. Il-linji gwida jikkjarifikaw ukoll li jekk il-miżati tal-qorti ma jkunux magħrufa mir-rikorrent, il-kaxxa tal-ammont tista' titħalla vojta biex timtela mill-qorti.



## 1.2. Il-kawża tal-azzjoni u d-deskrizzjoni tal-evidenza

Skont l-Artikolu 7, l-applikazzjoni għall-EOP għandha tinkludi l-kawża tal-azzjoni, inkluż deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi invokati bħala l-bażi tat-talba u, fejn applikabbli, tal-imgħax mitlub. Għandha tiġi inkluża wkoll id-deskrizzjoni tal-evidenza li tappoġġja t-talba.

Ir-Regolament ma jispeċifikax il-livell tad-dettall li l-applikant għandu jipprovdi, u lanqas ma jippreskrivi l-mod li bih il-qorti għandha twettaq l-eżami tat-talba. Madankollu, ir-Regolament jagħmilha ċara li l-eżami tal-applikazzjoni għall-EOP m'għandux għalfejn jitwettaq minn imħallef u, skont l-Artikolu 8, jista' jsir permezz ta' proċedura awtomatizzata. Il-qrati għandhom jeżaminaw l-applikazzjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta fil-formola tal-applikazzjoni.

Meta jkun qed jimla l-applikazzjoni, l-applikant għandu jipprovdi biżżejjed informazzjoni biex jippermetti lill-konvenut li jkun f'pożizzjoni li jagħmel għażla infurmata tajjeb jekk għandux jopponi jew iħalli t-talba mhux ikkontestata. Għandu jkun hemm ukoll biżżejjed informazzjoni biex tippermetti lill-qorti teżamina prima facie l-merti tat-talba u *inter alia* li teskludi talbiet li jkunu b'mod ċar bla bażi jew applikazzjonijiet inammissibbli. Għal dik ir-raġuni, il-formola standard A kif stabbilit fl-Anness I hija mħejjija biex tinkludi lista kemm jista' jkun eżawrjenti ta' tipi ta' provi li huma ġeneralment prodotti biex jappoġġaw talbiet ta' flus.

Għalhekk, isegwi, li għandu jkun possibbli għall-applikanti li jissottomettu applikazzjoni billi sempliċiment jimlew il-kaxxi rilevanti fit-taqsimiet xierqa (l-iktar minn 6 sa 10) tal-formola standard. Ma hemm l-ebda rekwiżit li jitlob li għandha tiġi mehmuża dokumentazzjoni li tappoġġja l-informazzjoni imma l-applikanti huma liberi li jagħmlu hekk jekk jixtiequ. It-taqsima 11 tippermetti li l-applikanti jipprovdu dikjarazzjonijiet addizzjonali u iktar informazzjoni, jekk meħtieġ. Għal darba oħra, l-applikanti mhumiex obbligati jagħmlu dan.

Billi l-qorti tista' tikkunsidra biss l-applikazzjoni abbażi tal-formola tal-applikazzjoni, m'hemm xejn fir-Regolament li jippermetti lill-qorti li titlob id-dokumentazzjoni ta' appoġġ. Madankollu, biex dan jiġi bbilanċjat, l-applikant għandu jiżgura li l-applikazzjoni tipprovdi biżżejjed informazzjoni biex tiżgura li r-rekwiżiti tar-Regolament jiġu ssodisfati u biex tiżgura li t-talba tidher li għandha bażi.

## 1.3. Il-qrati kompetenti

Il-qrati kompetenti għall-EOP huma dawk li ġew nominati mill-Istati Membri u uffiċjalment notifikati lill-Kummissjoni. Billi l-Istati Membri jistgħu jimmodifikaw dawn in-notifiki f'kull ħin, huwa importanti li n-notifiki attwali jiġu ċċekkjati mal-applikazzjoni għall-EOP. In-notifiki kollha jiġu ppubblikati fl-Atlas Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali. Madankollu, billi fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawn in-notifiki huma ta' natura ġenerali ħafna u jirreferu għal dispożizzjonijiet ġenerali tal-liġi proċedurali in kwistjoni, xi kultant tkun meħtieġa iktar riċerka qabel tkun tista' tinstab il-qorti t-tajba. Jekk il-kompetenza tal-qorti hija ta' natura territorjali u tiddependi fuq l-indirizz tal-konvenut, tista' tinstab qorti speċifika billi tintuża l-għodda tal-'Qrati kompetenti' li hemm fl-Atlas. Fi ftit każijiet l-Istati Membri nnominaw qrati speċifiċi għall-każijiet dwar l-EOP. Jekk l-applikazzjoni tintbagħat lill-qorti li mhijiex kompetenti, hija materja għal-liġi nazzjonali dwar l-azzjoni li għandha tieħu dik il-qorti.

## 1.4. Kif tiġi sottomessa l-applikazzjoni

Kull Stat Membru għandu jaqbel li jippermetti li l-applikazzjonijiet għall-EOP jiġu sottomessi fuq karta. M'hemmx rekwiżiti addizzjonali. Madankollu, fuq il-bażi tan-notifiki tal-Istati Membri disponibbli permezz tal-Atlas Ġudizzjarju Ewropew, xi Stati Membri jaċċettaw l-applikazzjonijiet fuq karta biss jekk jiġu sottomessi bil-posta jew bil-posta reġistrata. L-Istati Membri jistgħu jaċċettaw ukoll metodi oħra għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, inkluż dak elettroniku. Dawn jinkludu l-faks u l-komunikazzjonijiet bil-posta elettronika. Meta l-applikazzjoni tiġi sottomessa fil-forma elettronika għandha tiġi ffirmata skont l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 1999/93/KE fil-forma rikonoxxuta fl-Istat Membru tal-oriġini. Din il-firma elettronika mhijiex meħtieġa fejn jeżistu sistemi ta' komunikazzjoni elettronika sikuri alternattivi fl-Istat Membru tal-oriġini li huma disponibbli għall-utenti awtorizzati u fejn dawn is-sistemi ġew notifikati lill-Kummissjoni.

Qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni huwa rakkomandat li jiġi ċċekkjat l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar liema metodu huwa aċċettat mill-Istat Membru partikolari. L-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa mir-rikorrent jew mir-rappreżentant legali tal-konvenut. Għandu jiġi nnutat li l-miżati spiss għandhom jitħallsu lill-qorti rilevanti flimkien mal-applikazzjoni (https://e-justice.europa.eu).











## 2. Tmexxija tal-Proċedura quddiem il-qorti

Il-qorti għandha teżamina l-applikazzjoni imma ma ssir l-ebda evalwazzjoni tal-evidenza. Huma jiżguraw li dak kollu li hemm iddikjarat fl-Artikolu 7 (Kapitolu III p.1) ikun ġie sodisfatt. Sakemm it-talba ma tkunx b’mod ċar bla bażi jew l-applikazzjoni inammissibbli, il-qorti għandha tagħti lir-rikorrent l-opportunità li jimla jew jirrettifika l-applikazzjoni, jekk meħtieġ bl-użu tal-formola B.

### 2.1. Modifika jew rettifika

Fejn il-qorti titlob lir-rikorrent sabiex jimla jew jirrettifika l-applikazzjoni, hija għandha tispeċifika l-limitu taż-żmien li tqis xieraq fiċ-ċirkostanzi. Il-qorti tista’ fid-diskrezzjoni tagħha testendi dak il-limitu ta’ żmien.

L-ewwel nett il-qorti għandha titlob lir-rikorrent sabiex jimla l-applikazzjoni (modifika).

Jekk ir-rekwiżiti, wara l-modifika, jiġu sodisfatti għall-parti biss mit-talba, il-qorti għandha tinforma b’dan lir-rikorrent. Ir-rikorrent għandu jiġi mistieden jaċċetta jew jirrifjuta l-proposta għall-EOP għall-ammont speċifikat mill-qorti u għandu jiġi infurmat bil-konsegwenzi tad-deċiżjoni tiegħu, bl-użu tal-formola C.

Jekk ir-rikorrent jaċċetta l-proposta tal-qorti, il-qorti għandha toħroġ EOP għal dik il-parti tat-talba aċċettata mir-rikorrent (rettifika). Il-konsegwenzi fir-rigward tal-parti li jibqa’ mit-talba inizjali għandhom jiġu rregolati bil-liġi nazzjonali.

Jekk ir-rikorrent jonqos milli jibgħat it-tweġiba tiegħu sal-limitu taż-żmien speċifikat mill-qorti jew jirrifjuta l-proposta tal-qorti, il-qorti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni għall-EOP fl-intier tagħha.

### 2.2. Rifjut tal-applikazzjoni

Il-qorti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni, bl-użu tal-formola D, jekk:

- ir-rekwiżiti mniżżla fl-Artikoli 2, 3, 4, 6 u 7 ma jiġux sodisfatti;
  jew
- it-talba tkun b’mod ċar bla bażi;
  jew
- ir-rikorrent ma jibgħatx it-tweġiba tiegħu (fi tweġiba għall-proposta tal-qorti li timmodifika l-applikazzjoni) fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-qorti;
  jew
- ir-rikorrent ma jibgħatx it-tweġiba tiegħu fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-qorti jew jirrifjuta l-proposta tal-qorti, b'mod konformi mal-Artikolu 10.

Ir-rikorrent għandu jiġi infurmat bir-raġunijiet għar-rifjut.

Mhuwiex possibbli li jsir appell kontra r-rifjut tal-applikazzjoni. Ir-rifjut tal-applikazzjoni m'għandux jimpedixxi lir-rikorrent milli jsegwi t-talba permezz ta' applikazzjoni ġdida għall-EOP jew permezz ta' kwalunkwe proċedura oħra disponibbli skont il-liġi ta' Stat Membru.

## 3. il-ħruġ u n-notifika tal-ordni ta' ħlas ewropea

### 3.1. Kif timla l-Formola E

Meta l-applikazzjoni (Formola A) tkun ġiet imressqa u, jekk meħtieġ, immodifikata jew rettifikata kif xieraq fuq it-talba tal-qorti, il-qorti toħroġ l-EOP bl-użu tal-formola E kif stabbilit fl-Anness V meta, jekk applikabbli, il-miżati tal-qorti rilevanti jkunu tħallsu. Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament, il-Formola E tinkludi l-ismijiet, l-indirizzi u dettalji oħra tal-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-ordni għall-konvenut (jew il-konvenuti hekk kif ir-responsabbiltà konġunta hija permessa) sabiex iħallas l-ammont mitlub mir-rikorrent kif deskritt fil-Formola A, li kopja tagħha tkun mehmuża magħha. Din l-ordni tistipula s-somma prinċipali mitluba u kwalunkwe mgħax u l-perjodu taż-żmien li għalih tingħata (eż. sad-data tal-pagament), kif ukoll kwalunkwe penali u spejjeż kif deskritti fl-Artikolu 25 (ara wkoll il-Premessa 26) fil-munita kif iddikjarat. Il-Formola E tfakkar lill-konvenut fid-drittijiet u l-għażliet tiegħu (ara 'l-informazzjoni importanti għall-konvenut'), jiġifieri jew li jħallas lir-rikorrent l-ammont indikat fl-ordni jew li jopponi l-ordni billi jippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fil-qorti tal-oriġini . Il-konvenut jiġi infurmat ukoll: li l-ordni nħarġet biss abbażi tal-informazzjoni li ġiet ipprovduta mir-rikorrent u ma kinitx verifikata mill-qorti; li l-ordni ser issir esegwibbli sakemm ma tiġix ippreżentata dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fil-qorti kif deskritt hawn fuq (ara l-Artikolu 16); u li, jekk tiġi ppreżentata dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, il-proċedimenti għandhom ikomplu quddiem il-qrati kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini ('trasferiment awtomatiku tal-każ', ara l-Premessa 24), b'mod konformi mar-regoli ta' proċedura ċivili ordinarja, sakemm ir-rikorrent ma jkunx talab b'mod espliċitu biex jitwaqqfu l-proċedimenti f'dak il-każ. Jekk ir-rikorrent ikun talab biex jitwaqqfu l-proċedimenti, din l-informazzjoni ma tintbagħatx lill-konvenut.



### 3.2. Ħruġ ta' ordni ta' ħlas Ewropea – il-limiti taż-żmien

#### 3.2.1. Il-qorti, meta toħroġ l-ordni ta' ħlas Ewropea?

Skont l-Artikolu 12(1), jekk ir-rekwiżiti għall-applikazzjoni għall-EOP jiġu sodisfatti (ara l-Artikolu 8), il-qorti għandha toħroġ l-ordni, malajr kemm jista' jkun, normalment fi żmien 30 jum mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni. Il-perjodu ta' 30 jum m'għandux jinkludi ż-żmien meħud mir-rikorrent biex ilesti, jirrettifika jew jimmodifika l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha. Il-limitu ta' żmien imsemmi hawn fuq għandu jiġi kkalkulat skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jiddetermina r-regoli applikabbli għall-perjodi, id-dati u l-limiti ta' żmien (Ġ.U. L 124 08.6.1971, p. 1.).







### 3.2.2. L-ordni ta' ħlas Ewropea, meta ssir esegwibbli?

L-EOP ma ssirx finali hekk kif tinħareġ. Fl-EOP, il-konvenut jiġi avżat li huwa jew hija jista' jħallas lir-rikorrent l-ammont tat-talba jew jikkontestah billi jippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fil-qorti tal-oriġini. Id-dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għandha tintbagħat fi żmien 30 jum min-notifika tal-ordni fuq il-konvenut(i) (ara l-Artikolu 12 (3)). Skont l-Artikolu 12 (4)(b) l-ordni ssir esegwibbli sakemm ma tiġix ippreżentata dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fil-qorti tal-oriġini. Il-konvenut huwa obbligat jagħmel dan fi żmien 30 jum min-notifika tal-ordni fuqu/fuqha (ara t-taqsima 4.2.).



## 3.3. Notifika fuq il-konvenut (il-Kummissjoni)

L-EOP għandha tiġi nnotifikata fuq il-konvenut skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru tal-oriġini. Madankollu, dan il-metodu għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati bħala l-istandards proċedurali minimi fir-Regolament (l-Artikoli 13 sa 15). B'mod ġenerali, żewġ tipi ta' notifiki huma possibbli: jew notifika bi prova li waslet għand id-debitur (l-Artikolu 13) jew notifika mingħajr prova li waslet għand id-debitur (l-Artikolu 14); kull waħda minnhom tista' tintuża fir-rigward tar-rappreżentant tal-konvenut.

### 3.3.1. Notifika bi prova li waslet għand il-konvenut jew ir-rappreżentant tal-konvenut

Il-metodi tan-notifika bi prova li waslet huma speċifikati fl-Artikolu 13. Il-lista eżawrjenti tista' tinstab f'dak l-artikolu.

Fil-qosor, dawn il-metodi jippermettu:

- notifika minn persuna għal persuna b'dikjarazzjoni li tkun waslet iffirmata mill-konvenut[3];
- dikjarazzjoni mill-persuna kompetenti li wasslet in-notifika fejn hu ddikjarat li l-konvenut irċieva d-dokument jew irrifjuta li jirċevih bla ebda ġustifikazzjoni legali[4];
- notifika bil-posta attestata b'dikjarazzjoni li tkun waslet iffirmata mill-konvenut;
- notifika b'mezzi elettroniċi b'dikjarazzjoni li tkun waslet iffirmata mill-konvenut.

3 Jekk in-notifika jeħtieġ li ssir fi Stat Membru ieħor, id-dokumenti għandhom jiġu trażmessi lejn dak l-Istat Membru l-ieħor skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1393/2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (ĠU L 324, 10.12.2007, p. 79).

4 Ara b'mod partikolari d-dritt ta' rifjut tan-notifika skont l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill 1393/2007.

### 3.3.2. Notifika mingħajr prova li waslet għand id-debitur jew ir-rappreżentant tad-debitur

In-notifika lid-debitur tista’ ssir ukoll b’wieħed mill-metodi mingħajr prova li waslet speċifikati fl-Artikolu 14. Dawn il-metodi jistgħu jintużaw biss jekk l-indirizz tal-konvenut huwa magħruf b’ċertezza. Dawn il-metodi jeskludu kwalunkwe forma ta’ notifika fittizja (eż. ‘remise au parquet’).

Fil-qosor, dawn il-metodi jippermettu:

- notifika fl-indirizz tal-konvenut lil persuni li joqogħdu fl-istess dar bħall-konvenut jew huma impjegati hemm. F'każ ta' persuna li taħdem għal rasha jew persuna ġuridika, in-notifika tista’ ssir ukoll fis-sit kummerċjali tal-konvenut lil persuni li huma impjegati mill-konvenut.

  F’dawn il-każijiet, in-notifika għandha tiġi attestata:

  - jew b’rikonoxximent ta' riċevuta ffirmata mill-persuna notifikata; jew
  - b’dokument iffirmat mill-persuna li għamlet in-notifika, li jindika l-metodu tan-notifika użat, id-data tan-notifika, u l-isem tal-persuna li rċeviet in-notifika kif ukoll ir-relazzjoni ta’ din tal-aħħar mal-konvenut;

- depożitu tad-dokument fil-kaxxa postali tal-konvenut jew f’uffiċċju postali jew ma’ awtoritajiet pubbliċi kompetenti.

Fil-każijiet imsemmija fl-aħħar punt, in-notifika bil-miktub tad-depożitu għandha titqiegħed fil-kaxxa postali tal-konvenut, u turi b’mod ċar in-natura tad-dokument bħala dokument tal-qorti jew l-effett legali tan-notifika li taffettwa n-notifika u li tibda tiddekorri l-limiti ta' żmien. In-notifika għandha tkun attestata b’dokument iffirmat mill-persuna li għamlet in-notifika, li jindika l-metodu tan-notifika użat, id-data tan-notifika, u l-isem tal-persuna li rċeviet in-notifika kif ukoll ir-relazzjoni ta’ din tal-aħħar mal-konvenut;

- servizz postali mingħajr prova li waslet fejn il-konvenut għandu l-indirizz tiegħu fl-Istat Membru fejn ikun sar ir-rikors dwar is-sustanza tal-każ;
- mezzi elettroniċi attestati b'konferma awtomatika tal-wasla, sakemm il-konvenut ikun esprima l-aċċettazzjoni ta' dan il-metodu ta' servizz minn qabel.









## 4. Oppożizzjoni: id-drittijiet/l-għażliet tal-konvenuti

### 4.1. Oppożizzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea

Il-konvenut jista' jressaq dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għall-EOP bl-użu tal-Formola F skont l-Artikolu 16. Mhuwiex meħtieġ li l-konvenut jagħti r-raġunijiet għall-oppożizzjoni tiegħu/tagħha. Id-dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għandha tintbagħat fi żmien 30 jum min-notifika tal-ordni fuq il-konvenut. Il-perjodu għandu jiġi kkalkulat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/71 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-perjodi, id-dati u l-limiti ta' żmien (ĠU. KE 1971 L 124/1). Id-data tan-notifika ma tingħaddx fil-kalkolu tal-perjodu. Jekk it-tmiem tal-perjodu jkun festa pubblika, is-Sibt jew il-Ħadd, il-perjodu jintemm mal-iskadenza tal-aħħar siegħa tal-ġurnata tal-ġimgħa ta' wara. Skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/71, għandhom jitqiesu biss il-festi pubbliċi fl-Istat Membru tal-qorti li toħroġ l-EOP.

Id-dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għandha tiġi sottomessa fuq karta jew bi kwalunkwe mezz ieħor ta' komunikazzjoni, inkluż il-forma elettronika, aċċettat mill-Istat Membru tal-oriġini u disponibbli għall-qorti tal-oriġini. Id-dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni tista' ssir ukoll mir-rappreżentant tal-konvenut.



Skont l-Artikolu 17(1) jekk il-konvenut jissottometti dikjarazzjoni ammissibbli ta' oppożizzjoni, il-proċedimenti għandhom ikomplu quddiem il-qrati kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini b'mod konformi mar-regoli ta' proċedura ċivili ordinarja sakemm ir-rikorrent ma jkunx talab b'mod espliċitu biex f'dak il-każ jintemmu l-proċedimenti. Skont l-Artikolu 7(4), ir-rikorrent jista' jagħmel din it-talba fi kwalunkwe ħin qabel tinħareġ l-EOP. Skont l-Artikolu 17(2), it-trasferiment għal proċedimenti ċivili ordinarji għandu jiġu regolat mil-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini. Xejn taħt il-liġi nazzjonali m'għandu jippreġudika l-pożizzjoni tar-rikorrent fi kwalunkwe proċediment ċivili ordinarju sussegwenti.

### 4.2. Esegwibilità

Jekk ma tkun tressqet l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fi żmien il-perjodu ta' 30 jum, l-EOP tiġi ddikjarata esegwibbli, soġġetta għall-qorti li tippermetti biżżejjed żmien biex tasal id-dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni.

Il-qorti għandha tuża l-Formola G biex tiddikjara li l-EOP hija esegwibbli u għandha tibgħat din il-formola lir-rikorrent.

Skont l-Artikolu 18(2), ir-rekwiżiti formali għall-esegwibilità huma regolati mil-liġi tal-Istat Membru tal-oriġini. L-EOP li tkun ġiet iddikjarata esegwibbli fl-Istat Membru tal-oriġini għandha, skont l-Artikolu 19, tiġi rikonoxxuta u infurzata fl-Istati Membri l-oħra mingħajr il-bżonn ta' dikjarazzjoni ta' esegwibilità fl-Istat Membru l-ieħor u mingħajr kwalunkwe possibbiltà li jiġi opponut ir-rikonoxximent tagħha. L-infurzar jista' jiġi rrifjutat biss skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22.

## 5. Rimedji/difiżi possibbli għall-partijiet

### 5.1. X'jista' jagħmel ir-rikorrent jekk l-applikazzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea mhijiex kompluta, fiha żball, teħtieġ modifika jew tiġi rifjutata?

#### 5.1.1. X'jista' jagħmel ir-rikorrent jekk l-applikazzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea mhijiex kompluta jew fiha żball (l-Artikolu 9)

Jekk l-applikazzjoni għall-EOP ma tissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7, jiġifieri, mhijiex kompluta jew fiha żball, il-qorti li għandha l-ġurisdizzjoni għandha tagħti l-opportunità lir-rikorrent li jimla jew jirrettifika l-applikazzjoni (ara l-Artikolu 9 (1)) bl-użu tal-formola standard B kif stabbilit fl-Anness II. Il-qorti għandha titlob lill-applikant biex jimla jew jirrettifika l-applikazzjoni f'limitu ta' żmien li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi (ara l-Artikolu 9(2)). Din id-dispożizzjoni ma tapplikax fil-każ ta' talbiet li huma b'mod ċar bla bażi jew huma inammissibbli.

#### 5.1.2. X'jista' jagħmel ir-rikorrent jekk parti biss mit-talba tissodisfa r-rekwiżiti għall-ordni ta' ħlas Ewropea (l-Artikolu 10)

Jekk ir-rekwiżiti għall-EOP jiġu ssodisfati (ara l-Artikolu 7) għall-parti biss mit-talba, il-qorti għandha tinforma b'dan lir-rikorrent, bl-użu tal-formola standard Ċ kif stabbilit fl-Anness III, u tistieden lir-rikorrent biex jaċċetta jew jirrifjuta l-proposta għall-EOP għall-ammont speċifikat mill-qorti. Ir-rikorrent għandu jwieġeb fil-limitu ta' żmien speċifikat mill-qorti (ara l-Artikolu 9(2)) bl-użu tal-formola standard Ċ. Jekk ir-rikorrent jaċċetta l-proposta tal-qorti, il-qorti għandha toħroġ EOP (ara l-Artikolu 12) għal dik il-parti tat-talba aċċettata mir-rikorrent.

Il-konsegwenzi fir-rigward tal-parti li jkun fadal mit-talba għandhom jiġu regolati bil-liġi nazzjonali (ara l-Artikolu 10(2)). Jekk ir-rikorrent jonqos milli jibgħat it-tweġiba tiegħu fil-limitu taż-żmien speċifikat mill-qorti jew jirrifjuta l-proposta tal-qorti, il-qorti għandha tirrifjuta l-applikazzjoni fl-intier tagħha.

Jekk ir-rikorrent ma jaċċettax il-proposta tal-qorti, huwa/hija jista' jiddeċiedi li jirtira l-applikazzjoni tiegħu/tagħha u jipproċedi bil-każ skont il-proċedimenti ċivili ordinarji.





### 5.1.3. X'jista' jagħmel ir-rikorrent jekk l-applikazzjoni għal ordni ta' ħlas Ewropea tiġi rifjutata? (l-Artikolu 11)

M'hemmx dritt ta' appell kontra r-rifjut tal-ħruġ tal-EOP. Ir-rifjut tat-talba m'għandux jimpedixxi lir-rikorrent milli jsegwi t-talba permezz ta' applikazzjoni ġdida għall-EOP jew permezz ta' kwalunkwe proċedura oħra disponibbli taħt il-liġi ta' Stat Membru (ara l-Artikolu 11).

## 5.2. X'jista' jagħmel id-debitur fl-Istat Membru tal-oriġini meta tinħareġ l-ordni ta' ħlas Ewropea?

### 5.2.1. Jippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni fl-Istat Membru tal-oriġini (l-Artikolu 16)

Fi żmien 30 jum min-notifika tal-ordni, il-konvenut jista' jippreżenta dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni għall-EOP mal-qorti tal-oriġini, bl-użu tal-formola standard F kif stabbilit fl-Anness VI. Jekk id-dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni tiddaħħal fil-limitu ta' żmien ta' 30 jum (ara l-Artikolu 16(2)), il-proċedimenti għandhom ikomplu quddiem il-qrati kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini b'mod konformi mar-regoli ta' proċedura ċivili ordinarja <u>sakemm ir-rikorrent ma jkunx talab b'mod espliċitu biex jintemmu l-proċedimenti</u>.

### 5.2.2. Reviżjoni f'każijiet eċċezzjonali fl-Istat Membru tal-oriġini (l-Artikolu 20.1)

Meta jiskadi l-perjodu ta' 30 jum li fih tista' titressaq id-dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni, il-konvenut għandu jkun intitolat li japplika għal reviżjoni tal-EOP quddiem il-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini fejn:

1. (a) l-ordni ġiet notifikata b'wieħed mill-metodi previsti fl-Artikolu 14, jiġifieri mingħajr prova li waslet għand il-konvenut, u (b) in-notifika ma saritx fi żmien suffiċjenti li jippermettilu jipprepara għad-difiża tiegħu, mingħajr l-ebda nuqqas mill-parti tiegħu jew tagħha[5],

   jew

2. il-konvenut ma tħalliex joġġezzjona għat-talba għal raġuni ta' force majeure jew minħabba ċirkostanzi straordinarji mingħajr l-ebda nuqqas min-naħa tiegħu,

sakemm fi kwalunkwe każ hu jaġixxi fil-pront.

5 Pereżempju jekk il-konvenut kien l-isptar, fuq vaganza, jew barra mill-pajjiż fuq xogħol, eċċ.

### 5.2.3. Reviżjoni fl-Istat Membru tal-oriġini fejn l-ordni ta’ ħlas Ewropea nħarġet ħażin (l-Artikolu 20.2)

Meta jiskadi l-perjodu ta’ 30 jum li fih tista’ titressaq id-dikjarazzjoni ta’ oppożizzjoni, il-konvenut għandu jkun intitolat biex japplika għal reviżjoni tal-EOP quddiem il-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-oriġini fejn l-ordni tkun b’mod ċar inħarġet ħażin, wara li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament, jew minħabba ċirkostanzi eċċezzjonali oħra.

NOTA: Jekk il-qorti tirrifjuta l-applikazzjoni tal-konvenut abbażi li l-ebda mir-raġunijiet għal reviżjoni msemmija fil-paragrafi 5.2.2 u 5.2.3 ma japplikaw, l-EOP għandha tibqa' fis-seħħ. Jekk il-qorti tiddeċiedi li r-reviżjoni hi ġustifikata għal waħda mir-raġunijiet stabbiliti f’dawk il-paragrafi, l-EOP għandha tkun nulla u mingħajr effett.







# IV. Rikonoxximent u Infurzar tal-Ordnijiet ta' Ħlas Ewropej fi Stati Membri oħra





## 1. Prinċipji ġenerali

L-EOP li tkun saret esegwibbli fl-Istat Membru tal-oriġini – jiġifieri fi Stat Membru fejn tkun inħarġet, hija esegwibbli ugwalment fi kwalunkwe Stat Membru ieħor. M’hemmx il-ħtieġa li tinkiseb dikjarazzjoni ta’ esegwibilità (exequatur) fl-Istat Membru tal-infurzar. L-awtoritajiet fl-Istat Membru tal-infurzar ma jistgħux jirrevedu ċ-ċirkostanzi jew il-proċeduri li wasslu għall-ħruġ tal-ordni minbarra fis-sitwazzjonijiet previsti fl-Artikoli 22 u 23. Ma hi permessa l-ebda reviżjoni tas-sustanza fl-Istat Membru tal-infurzar.

Il-proċedura għall-infurzar hija regolata bil-liġi tal-Istat Membru tal-infurzar, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament.

## 2. Sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-infurzar

Ir-rikorrent għandu japplika għall-infurzar quddiem il-qorti jew l-awtorità kompetenti għall-infurzar fl-Istat Membru fejn huwa meħtieġ l-infurzar. Dawn l-awtoritajiet ivarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Id-dettalji tal-qrati u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinstabu fuq il-paġni tan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali fuq il-portal Ewropew tal-ġustizzja elettronika.

Ir-rikorrent għandu jipprovdi lill-qorti jew l-awtorità kompetenti kopja tal-ordni, kif iddikjarata esegwibbli mill-qorti tal-oriġini, li tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa biex tiġi stabbilita l-awtentiċità tagħha, u d-dikjarazzjoni tal-esegwibilità (il-formola G).

## 3. Traduzzjoni

Ir-rikorrent jista' jintalab jipprovdi kopja tal-EOP f'lingwa differenti minn dik użata mill-qorti tal-oriġini. Bħala regola ġenerali l-EOP għandha tiġi pprovduta fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, tal-Istat Membru tal-infurzar sakemm dak l-Istat Membru ma jindikax li se jaċċetta ordnijiet f'lingwa jew lingwi uffiċjali oħra tal-Unjoni Ewropea. Id-dettalji ta' liema lingwi huma aċċettati minn kull Stat Membru huma disponibbli fuq l-Atlas Ġudizzjarju Ewropew. Meta jiġu ċċekkjati d-dettalji, ir-rikorrent għandu jżomm f'moħħu wkoll li fl-Istati Membri fejn hemm iżjed minn lingwa uffiċjali waħda jista' jkun meħtieġ li tiġi pprovduta traduzzjoni fil-lingwa speċifikata għal parti partikolari jew reġjun ta' dak l-Istat Membru. Kwalunkwe traduzzjoni għandha tiġi ċċertifikata minn persuna li hija kwalifikata biex tagħmel dan f'wieħed mill-Istati Membri.

## 4. Rifjut ta' infurzar f'ċirkostanzi eċċezzjonali

Il-konvenut jista' jwettaq dawn l-azzjonijiet li ġejjin fl-Istat Membru tal-infurzar, għalkemm dawn il-possibiltajiet qatt ma jistgħu jwasslu għal reviżjoni fl-Istat Membru tal-infurzar tas-sustanza tal-EOP:

### 4.1. Rifjut tal-infurzar (l-Artikolu 22)

Il-konvenut għandu l-possibbiltà li japplika għal rifjut tal-infurzar (ara l-Artikolu 22) jekk l-ordni hija irrikonċiljabbli ma' deċiżjoni aktar bikrija jew ordni mogħtija qabel fi kwalunkwe Stat Membru jew f'pajjiż terz, sakemm:

- Id-deċiżjoni jew ordni aktar bikrija involviet l-istess kawża ta' azzjoni u kienet bejn l-istess partijiet; u
- Id-deċiżjoni jew ordni aktar bikrija tipprovdi il-kondizzjonijiet neċessarji għar-rikonoxximent tagħha fl-Istat Membru ta' infurzar; u
- L-irrikonċiljabbiltà ma setgħetx titqajjem bħala oġġezzjoni fil-proċedimenti tal-qorti fl-Istat Membru tal-oriġini.

L-infurzar għandu, wara l-applikazzjoni, jiġi rifjutat ukoll jekk u sal-punt li l-konvenut ikun ħallas lir-rikorrent l-ammont mogħti fl-EOP.

## 4.2. Sospensjoni jew limitazzjoni tal-infurzar (l-Artikolu 23)

Il-konvenut jista’ japplika għal sospensjoni jew limitazzjoni tal-infurzar tal-EOP (ara l-Artikolu 23) fejn il-konvenut ikun applika għal reviżjoni skont l-Artikolu 20. F’dawn il-każijiet, il-qorti kompetenti fl-Istat Membru tal-infurzar tista’:

- tillimita l-proċedimenti tal-infurzar għal miżuri protettivi; jew
- tagħmel l-infurzar kondizzjonali fuq l-għoti ta' tali sigurtà kif hija tistabbilixxi; jew
- taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, tissospendi l-proċedimenti tal-infurzar.





Gwida ta' Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Ordni ta’ Ħlas Ewropea

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea
Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas

© Fotolia, Istockphoto

© L-Unjoni Ewropea, 2011
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.
*Printed in Belgium*
Stampat fuq karta bajda ħielsa mill-klorur elementali (ECF)

**Kuntatt**
Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja
Netwerk Ġudizzjarju Ewropew
fil-qasam ċivili u kummerċjali
Rue Montoyer 59
B-1049 Brussell

MT

DS-32-11-946-MT-C

http://ec.europa.eu/justice/civil/

ISBN 978-92-79-21583-4
9 789279 215834
doi:10.2838/35527